MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 263/2010

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fl-1 ta' Ottubru tas-sena 2004 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u market Dok. A;
2. Illi meta l-partijiet izzewgu huma kellhom tifel L li twieled fis-17 ta' Ottubru 2002 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid markat Dok B;
3. Illi meta zzewget r-rikorrenti kellha 20 sena filwaqt li l-intimat kellu 25 sena u zzewgu minghajr il-

kunsens tal-genituri tar-rikorrenti stante li dawn tal-ahhar kienu kontra li hija tizzewweg lill-intimat stante li huwa jigi sekond kugin maghha u stante wkoll li baqghu jikkontendu li jbaghti minn kondizzjoni mentali li l-istess intimat baqa jinnega;

4. Illi waqt iz-zwieg sabet li l-intimat zewgha qed jiehu pilloli ghal kondizzjoni mentali tieghu;

5. Illi matul dan iz-zwieg il-partijiet ma riedux tfal;

6. Illi l-partijiet damu biss ghoxrin xahar mizzewgin u matul tali zwieg huma qatt ma ghexu bhala tali tant li l-attrici kienet tahdem minn xoghol ghal xoghol biex tghajjex lilha u lil intimat u lit-tifel stante li l-intimat ma kienx johrog xejn ghal hajja u ghat-trobbija tal-istess ibnu;

7. Illi ghalhekk il-partijiet ma kellhomx hin ghal xulxin u lanqas tfal ma riedu minn dan iz-zwieg;

8. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomaliija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwetqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

9. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

10. Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Talbet ghalhekk li l-konvenut ghar-ragunijiet premessi ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Ottubru 2004 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponent jaqbel illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;
2. Illi pero' ir-ragunijiet li jaghtu lok ghall-annullament m'humiex imputabbli lilu u ghalhekk m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ghal dikjarazzjoni illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti huwa null peress illi illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomaliija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwetqu l-obbligijiet essenzjali taz-zwieg, kif ukoll peress illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u kif ukoll peress illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi f'Settembru 1999 meta kellha sittax il-sena kienet iltaqghet mal-konvenut, kienet waqfet mill-

iskola u hu kien jahdem. Il-konvenut kien talabha tohrog mieghu u hi kienet accettat u ghall-ewwel date hu kien gie flimkien ma ohtu. Hija ma kienitx uriet lill-missierha peress illi l-konvenut jigi is-sekond kugin taghha, izda missierha kien induna u kien ghalhekk illi kienet qaltlu li kienet hierga mal-konvenut u ma ohtu. Minn dakinhar bdiet tohrog mal-konvenut bil-mohbi u il-konvenut kien ghenha issib xoghol u hi bdiet tahdem. L-attrici xehdet li xi xahar wara li bdiet tohrog mal-konvenut, il-konvenut wassalha id-dar, izda kien hassu hazin u ghalhekk dahlet id-dar u kellha issejjah lill-genituri taghha u missierha kien wassal lill-konvenut id-dar. Meta missierha irritorna id-dar, kien ghamlilha priedka u qalilha li ma riedhiex tohrog iktar mill-konvenut. L-attrici xehdet illi kienet tiltaqa mal-konvenut bil-mohbi. Il-konvenut kien qalilha illi ommu u missieru kienu jiehduh ghand tabib, kienu jixtru fliexken kbar tal-hgieg bil-medicina u meta kienet tistaqsih x'kien fihom dawn il-fliexken, il-konvenut kien qalilha illi kellu qatgha u li kien jiehu il-medicina biex tohroglu il-qatgha. Hija kienet saret taf illi l-konvenut kien jiehu pilloli li kien tahomlu it-tabib tal-familja Dr Micallef, u meta staqsiet lill-konvenut x'kienu dawn il-pilloli, kien qalilha li kien jehodhom peress li kien jitbaxxielu iz-zokkor u il-pressjoni. Hija xehdet illi sitt xhur wara kienet harget tqila, kienet qalet lill-konvenut li kien qalilha biex tghid lill-genituri u missier il-konvenut beda jinsisti li jizzewgu, izda missierha ma riedx. L-attrici xehdet li wara xi ftit kienet korriet, izda baqghet tohrog mal-konvenut, illi ma kienx milqugh fid-dar tal-genituri taghha. L-attrici xehdet illi kienet qalet lill-konvenut biex jixtri dar u biex tmur toqghod fid-dar hija riedet issib skuza biex missierha ikecciha mid-dar. Ghalhekk iddecidiet li tohrog tqila, kif fil-fatt ghamlet meta kellha madwar 17 il-sena u missierha kien kecciha mid-dar. L-attrici xehdet illi hi u il-konvenut kellhom joqghodu f'post li kellu missierha, peress illi id-dar li kien xtara il-konvenut kienet ghadha mhijiex lesta. Hija baqghet tahdem waqt it-tqala u hi u il-konvenut kienu jiggieldu spiss peress illi skond hi, il-konvenut ma kienx jiehu hsiebha u ma kienx jghinha waqt it-tqala. It-tifel taghha twieled meta hija kellha biss 19 il-sena u il-konvenut ma tahiex flus, lanqas ghat-tifel. L-attrici xehdet illi ghalhekk iddecidiet illi tizzewweg lill-konvenut sabiex il-konvenut

jibda jhallas manteniment ghat-tifel, u hija kienet tithassar ukoll lit-tifel illi kien ikun irid jara lill-missieru u hasbet li jekk tizzewweg il-problemi kollha kienu ser jissolvew. L-attrici xehdet illi l-konvenut ma hax hsieb il-preparamenti tat-tieg u kellha thallas ghal kollox hi, it-tieg u il-honeymoon, u marru joqghodu fil-post illi kien xtara il-konvenut. Izda l-attrici xehdet illi wara iz-zwieg ma inbidel xejn, anzi l-affarijiet aktar iggravaw ghaliex il-konvenut ried illi mill-paga taghha tmantni lilha innifisha, lit-tifel u lilu wkoll u ghalhekk kellha tahdem ukoll l-overtime, anke biex tevita milli tara lill-konvenut. L-attrici xehdet illi l-konvenut kien igieghelha tohrog ma shaba it-tfajliet tax-xoghol kull nhar ta' Sibt sabiex hu wkoll ikun jista johrog. L-attrici xehdet illi fis-sena u tmien xhur illi baqghu jghixu flimkien wara iz-zwieg, il-konvenut kien jibghat il-messaggi lil gara taghhom u jmur jiltaqa maghha u meta kien ikollhom xi jghidu kien icempel lill-genituri tieghu li gieli gew id-dar taghhom fil-11.00p.m. u dan kien jigri ta' spiss. Omm il-konvenut kienet qaltlu illi peress illi kien ikun imdejjaq, kien ahjar li jkellem psikjatra u kien ghalhekk illi kien mar ikellem lil Dr Ethel Felice. Ghall-habta ta' Lulju 2006, il-konvenut beda ihoss ugigh f'qalbu u marru l-isptar fejn staqsewh jekk kienx gieli ipprova jaghmel suwicidju. Huwa kien wiegeb fl-affermattiv u dakinhar zewg nurses kienu qalulha biex tiffirmalu fis-sens li tobbliga ruhha li toqghod mieghu 24 siegha kulljum, inkella kienu jiehduh Monte Carmel, izda hija irrifjutat li tiffirma din il-karta peress illi kellha tmur ix-xoghol u peress ukoll illi kellha lit-tifel u minflok ma iffirmat il-karta hi iffirmawhielu il-genituri tieghu u intrabtu li jkunu responsabbli ghalih huma. L-attrici xehdet illi minn dakinhar, qatt ma ghexet aktar mal-konvenut u isseparaw legalment fl-20 ta' Novembru 2006. L-attrici xehdet illi fis-sena u tmien xhur illi ghexet mal-konvenut qatt ma tkellmu fuq tfal u qatt ma ippruvaw ikollhom it-tfal u kienet tahdem hi biss.

Ikkunsidrat :

Illi xehdu il-genituri tal-attrici illi ikkolloboraw ix-xiehda tal-attrici.

Illi l-attrici, bhala ragunijiet ghalfejn dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, tat bhala kawzali illi l-kunsens kien ivvizzjat b'difett ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, peress illi l-kunsens kien ivvizzjat b'simulazzjoni kif ukoll peress illi il-kunsens tal-attrici kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga.

Illi ghal dak illi jirrigwarda difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, il-Qorti rat illi din il-kawzali hija kontemplata fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi biex ikun hemm ikun hemm nuqqas serju ta' diskrzzzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. (Vide sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Isabelle Zarb vs Stephen Attard deciza fil-21 ta' Novembru, 1995.)
Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi att ta' immaturita, izda in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens taghha liberu u xjenti ghar-rabta taz-zwieg.
Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo deciza fis-26 ta' Ottubru 2000, ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19 (1) kemm il-darba jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas, jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi l-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi appezzat mhux biss fl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom infushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, ghalhekk jinholoq id-dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu.

Illi inoltre il-kunsens irid ikun tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih tkun konxja tal-obbligi, id-dmijirijet u r-responsabbilitajiet li iggib maghha l-hajja mizzewga.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni taghhom fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti :

*1.* L-obbligazzjoni ghall-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokreazzjoni ta' l-ulied.
*2.* L-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel fiz-zwieg.
*3.* Il-mutual well-being, illi huwa maghqud ma ambjent li iwassal ghat-tnissil u edukazzjoni ta' l-ulied.
4. L-obbligazzjoni li jircievu u irrabbu l-ulied fil-kuntest tal- komunita konjugali.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi prodotti, irrizulta illi l-attrici ma rieditx verament tizzewweg lill-konvenut izda izzewgitu peress illi riedet tahrab mid-dar ta' missierha minhabba il-glied kontinwu li kien qed ikollha ma missierha li ma riedhiex

tohrog mal-konvenut, u kien ghalhekk illi harget tqila ghat tapposta sabiex ikollha skuza titlaq mid-dar.

Illi effettivament irrizulta illi l-attrici ma kellha l-ebda intenzjoni sabiex tghix fl-unjoni taz-zwieg ghal dejjem mal-konvenut, kif ma kellha l-ebda intenzjoni sabiex tghix il-komunita ta' hajja u imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel, tilqa u trabbi l-ulied miz-zwieg taghha u taqdi l-obbligazzjoni fir-rigward tal-att taz-zwieg.

Illi irrizulta illi l-partijiet ma ghamlux l-att sesswali komplet wara iz-zwieg u dana peress illi ma riedux illi jkollhom aktar tfal.

Illi wkoll il-konvenut kien mohhu biex ikun egoist u jghix hajja daqs li kieku kien baqa guvni. Irrizulta li ma mantnix lill-attrici u lil ibnu minkejja il-fatt illi kien jahdem u kien biss wara is-separazzjoni illi hallas il-manteniment kif ordnat illi jaghmel ghall-ibnu minuri biss.

Illi da parti taghha, l-attrici qatt ma ghexet il-hajja ta' mara mizzewga, izda kienet tmur tahdem, taghmel l-overtime biex tehles mill-konvenut u tghaddi il-ftit hin illi kien jifdalla ma binha.

Illi irrizulta illi l-partijiet ghagglu meta dahlu ghaz-zwieg u ghamlu dan minghajr ma accettaw illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u ghaldaqstant l-ewwel parti tal-Artikolu 19 (1) (d) giet ippruvata, izda il-Qorti rat illi ma gietx ippruvata it-tieni parti ta' dan l-Artikolu 19 (1) (d), peress illi ma giex ippruvat illi xi hadd mill-partijiet kien ibaghti minn anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghalih jew ghaliha li jaqdi, jew li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-fatt illi l-konvenut kien isofri minn anzjeta u dipressjoni ma ifissirx necessarjament li ma kienx kapaci jaqdi u jassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg u multo magis l-attrici ma irnexxilhiex tipprova illi l-konvenut kellu din il-kundizzjoni meta ta il-kunsens tieghu ghaz-zwieg. Huwa dan il-mument biss illi huwa rilevanti ghall-fini ta'

dikjarazzjoni ta’ nullita ta’ zwieg u cioe’ il-mument illi jinghata il-kunsens u mhux wara.

Illi l-attrici ikkontendiet ukoll illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’simulazzjoni u il-Qorti f’dan ir-rigward rat l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta illi jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi fl-interpretazzjoni ta’ dan is-subartikolu, il-Qrati taghna dejjem ikkontendew illi l-esklussjoni posittiva ghaz-zwieg ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament, izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens, u f’dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Nicolai Balzan vs Simone Cremona deciza fid-9 ta Marzu 2000.

Illi l-Qorti rat mill-provi prodotti illi gie ippruvat illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat peress illi kien hemm simulazzjoni totali miz-zewg partijiet u cioe’ eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Bonnici vs Bonnici, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Lulju 1982, il-Qorti kienet qalet li biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-‘finis operis’ taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta’ simulazzjoni parzjali u cioe’ l-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-element essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghal fedelta u id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied fost ohrajn.  (Vide sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Grech vs Grech deciza fid- 9 ta’ Ottubru, 1990.)

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali il-‘consortium vitae’ tikkomprendi zewg elementi u cioe’ l-imhabba konjugali u r-responsabilita’ tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet Magri vs Magri deciza fl-14 ta’ Lulju 1994 “jekk din il-consortium vitae hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-consortium vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta tal-familja”.

Illi fil-fatt l-element tal-indissolubbilta’ taz-zwieg jehtieq li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi ‘iuris tantum’ dan l-element ta’ indissolubbilta fiz-zwieg.
Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Galea vs Walshi moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta’ Marzu 1995, il-Qorti spjegat xi tfisser li jkun hemm eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu bhala meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern illi jkun inghata.
Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Muscat vs Borg Grech, moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta’ Awissu, 1995, il-Qorti spjegat il-kuncett ta’ simulazzjoni b’dawn il-kliem :
“Ghal min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b’att pozittiv tal-volonta’ tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula il-kunsens tieghu.”

Ikkunsidrat :

Illi xehdet il-psikjatra Dr Ethel Felice u qalet illi kienet ezaminat lill-konvenut il-psychiatric outpatients fil-31 ta’ Lulju 2006. Hija xehdet illi l-konvenut kien qal illi kien iffissa dwar il-pis u kien inkwetat dwar self illi kellu mal-bank u kellu hafna dwejjaq, kien jghid illi ikollu xi jghid spiss mal-mara u kien semma wkoll illi tant kien ikun imdejjaq illi xtaq joqtol lilu innifsu. Hija kienet kellmitu wkoll privatament u kienet harget djanjosi ta’ dipressjoni u kienet taghtu anti-depressants u medicini kontra l-anzjeta. Dr Felice qalet ukoll illi l-konvenut kellu tendenzi illi jiffissa. Hija xehdet illi kien irrizulta wkoll illi missier il-konvenut kellu l-istess tendenza tal-fissazzjoni. Hija xehdet illi l-

konvenut kien ha il-kura u kien mar tajjeb u kien dejjem imur ghall-kura mal-genituri tieghu.

Illi xehed il-konvenut u qal illi l-attrici riedet tohrog tqila sabiex ikolla zkuza u biex tizzewweg u tehles minn missierha. Huwa xehed illi missierha ma kellux pjacir bih peress illi hu kien jigi sekondo kugin tal-attrici.

Illi meta il-Qorti staqsiet lill-konvenut jekk kellux depressjoni u jekk kienx l-isptar u ha xi kura, il-konvenut ma riedtx jitkellem dwar dan u xehed illi huwa kellu depressjoni wara li kienet qalbitielu l-attrici.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat il-file mediku illi gie esebit u illi jirrigwarda lill-konvenut u minnu irrizulta illi fit-30 ta' Lulju 2006 il-konvenut, illi kellu 26 sena, kien dahal l-isptar peress illi kellu ugigh f'sidru u irrizulta illi kien qed ibaghti minn severe depression u illi kellu tendenzi illi jikkommetti suwicidju.

Illi irrizulta illi l-konvenut kellu hsibijiet possessivi dwar il-piz tieghu, kif ukoll dwar il-loan illi kellu mal-bank u minhabba l-istress kien qieghed jiggieled spiss hafna mal-mara tieghu u meta l-argumenti kienu jilqu certu livell kien jhedded illi ser joqtol lilu innifsu. Irrizulta illi l-konvenut ibaghti minn life long obsessive character u illi missieru wkoll kien ibaghti mill-istess tendenzi ossessivi.

Illi rat illi Dr Ethel Felice ippreskriviet il-medicina u intbaghat id-dar wara li missieru iffirma li ma riedux jidhol l-isptar Monte Carmel u dahal responsabbli ghalih hu.

Illi l-Qorti rat illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-attrici eskludiet totalment iz-zwieg minkejja il-fatt illi hija esternament tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija b'att posittiv ghall-volonta taghha internament eskludiet iz-zwieg innifsu.

Illi l-attrici stess tammetti illi hija izzewget sabiex tehles minn missierha u mis-sitwazzjoni illi kellha id-dar u wara

iz-zwieg irrizulta illi l-attrici la riedet tfal, la ghamlet l-att taz-zwieg komplet mal-konvenut, kien mohha biss sabiex tmur tahdem u kienet taghmel xoghol part time sabiex tevita li toqghod mal-konvenut u ghalhekk il-Qorti rat illi l-attrici effettivament eskludiet il-'finis operis' taz-zwieg mill-vera rieda taghha u ghalhekk issimultat il-kunsens taghha.

Illi wkoll il-konvenut allega illi qabditu dipressjoni peress illi xi hadd kien urih xi ritratti tal-attrici ma ragel iehor u intefa dubbju dwar kemm kienet verament fidili l-attrici fiz-zwieg. Ghalhekk il-Qorti tara illi la kien hemm imhabba konjugali bejn il-partijiet, la kien hemm responsabbilita ta' familja, ma kienx hemm xi tentattiv sabiex jitnisslu l-ulied minn dan iz-zwieg u il-'consortium vitae' kien totalment nieqes minn dan iz-zwieg peress illi la kien hemm l-imhabba konjugali u lanqas ir-responsabbilita tal-familja.

Ghalhekk, in rikapitilazzjoni, il-Qorti rat illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ukoll illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-kawzali l-ohra citata mill-attrici, u cioe' illi l-kunsens taghha inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, il-Qorti rat illi f'dan ir-rigward l-attrici qeghda tirreferi ghall-fatt illi l-konvenut kien ibaghti min hsibijiet ossessivi, anzjeta u dipressjoni.

Illi minkejja il-fatt illi gie ippruvat illi wara iz-zwieg il-konvenut kien ibaghti minn dawn il-kundizzjonijiet, l-attrici ma irnexxilhiex tipprova illi il-konvenut kien ibaghti minn dawn il-kundizzjonijiet qabel iz-zwieg.  L-attrici irnexxiela tipprova biss illi l-konvenut kien jiehu xi medicina qabel ma izzewweg, izda skond kif xehdet hi stess huwa kien jghidilha li dan kien peress li kien jinzillu iz-zokkor u kienu jaghtuh l-isturdamenti.

Illi l-Qorti rat illi l-attrici ma irnexxielha bl-ebda mod tipprova illi l-medicini li kien qed jiehu il-konvenut kienu ghat-trattament tal-hsibijiet ossessivi, jew tal-anzjeta, jew

tad-dipressjoni u ghalhekk il-Qorti tara li din il-kawzali ma gietx ippruvata.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijet fl-1 ta’ Ottubru 2004 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;  Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------